**Kulleġġ San Nikola Sekondarja tas-Subien, In-Naxxar**
**St. Nicholas College Naxxar Boys Secondary**

# Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
# Frar 2015

IR-RABA' SENA | RELIĠJON | ĦIN: SIEGĦA U NOFS

Isem ______________________ Klassi ______________

1. **Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet.**

2. **Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

3. **Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

---

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 25 | 25 | 18 | 20 | 12 | 100 |
| | | | | | |

**TAQSIMA A**

**IR-RELIĠJON X'TISWA?** **(25 marka)**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(3 marki)*

1. Għall-bniedem, ir-Reliġjon hi importanti għax (tgħinnu jaqla' l-flus, tgħinnu jsib tweġiba bis-sens għall-mistoqsijiet dwaru nnifsu u dwar il-ħolqien, tgħinnu jagħraf xi jrid jistudja.)

2. (L-Induiżmu, L-Islam, Il-Buddiżmu) hija reliġjon monoteistika.

3. Lil Alla nista' nagħrfu permezz (tal-fidi biss, tal-fidi u r-raġuni, tar-raġuni biss).

**Wieġeb.** *(5 marki)*

| | |
|---|---|
| 4. Din ir-reliġjon bdiha Siddharta Gautama. | |
| 5. Dawn huma fid-dmir li jitolbu ħames darbiet kuljum. | |
| 6. Dawn jemmnu li min jitwieled fi stat soċjali partikolari, jibqa' fih sakemm imut. | |
| 7. Dawn jemmnu li Ġesù hu tassew iben Alla. | |
| 8. Semmi reliġjon li temmen fir-re-inkarnazzjoni. | |

**Wieġeb fil-qosor.**

9. X'jemmnu dawn ir-reliġjonijiet dwar x'jiġri wara l-mewt? *(3 marki)*

(a) L-Islam - ____________________

(b) Il-Buddiżmu - ____________________

(c) Il-Kristjaneżmu - ____________________

10. Agħti eżempju li bih turi li sa mill-qedem, il-bniedem kien reliġjuż.

____________________ *(marka)*

11. X'tara li hemm komuni bejn ir-reliġjonijiet kollha?

____________________

____________________ *(2 marki)*

12. Għaliex bħala Nisrani għandek tirrispetta wkoll nies li jipprattikaw reliġjon differenti minn tiegħek?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

13. Sfortunatament issib żgħażagħ li jonqsu milli jipprattikaw ir-Reliġjon. Agħti **tlett** eżempji li bihom turi x'inhuma l-fatturi għala ċerti żgħażagħ jitbiegħdu mir-Reliġjon.

a. ________________________________________________________ *(marka)*

b. ________________________________________________________ *(marka)*

c. ________________________________________________________ *(marka)*

14. Semmi **żewġ** persuni milli studjajt din is-sena li sabu sens f'ħajjithom f'Ġesù u mhux bnadi oħra.

a. ________________________________________________________ *(marka)*

b. ________________________________________________________ *(marka)*

15. F'madwar **70 kelma**, fisser għaliex is-superstizzjoni u l-fanatiżmu jmorru kontra l-fidi nisranija.

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(4 marki)*

**TAQSIMA B**

**IL-KELMA TAL-MULEJ** **(25 marka)**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(2 marki)*

1. Fil-Bibbja nsibu (27, 46, 73) ktieb.

2. Oriġinarjament, il-Bibbja ġiet miktuba (bil-Latin u l-Grieg, bil-Lhudi u l-Grieg, bil-Lhudi u r-Ruman).

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B.** *(5 marki)*

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 3. Il-Pentatewku | | hija dik il-lista ta' kotba li huma meqjusa ispirati minn Alla. |
| 4. L-Apokalissi | | huma dawk il-kotba li ma ntlaqgħux bħala kotba ispirati minn Alla. |
| 5. Il-Kanoni tal-Kotba Mqaddsa | | huwa l-aħħar ktieb bibbliku. |
| 6. Il-Kotba Apokrifi | | hekk hu msejjaħ Abraham missier il-poplu Lhudi. |
| 7. Patrijarka | | huma l-ewwel ħames kotba li nsibu fil-Bibbja. |

**Kompli s-sentenza.** *(3 marki)*

8. ________________________________ ittraduċa l-Bibbja mil-lingwa oriġinali għall-Malti.

9. Bħala Nisrani għandi nersaq lejn il-Bibbja ________________________________

10. Jiena għandi nuża l-Bibbja biex ________________________________

**Wieġeb fil-qosor.**

11. Xi jfisser meta ngħidu li l-Bibbja hija **'ispirata'**.

________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(2 marki)*

12. Spjega għaliex ikun qed jiżbalja min jipprova jfittex il-messaġġ xjentifiku fil-Bibbja?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

13. Poġġi dawn il-personaġġi wara xulxin skont kif ġew fiż-żmien, u ikteb sentenza fuq kull wieħed minnhom li biha turi l-importanza tagħhom fil-pjan tas-salvazzjoni.

*Karattru minnhom tpoġġa bil-lest bħala eżempju.* *(7 marki)*

DAVID, ABRAHAM, MOSÈ, ~~SALAMUN,~~ ĠOŻWÈ, ĠUŻEPPI

| **Data** | **Personaġġ** | |
|---|---|---|
| **1800 Q.K.** | **ABRAHAM** | ______________________________ ______________________________ |
| **1600 Q.K.** | | ______________________________ ______________________________ |
| **1300 Q.K.** | | ______________________________ ______________________________ |
| **1200 Q.K.** | | ______________________________ ______________________________ |
| **1000 Q.K.** | | ______________________________ ______________________________ |
| **850 Q.K.** | **SALAMUN** | **Bena t-tempju ta' Ġerusalemm bħala l-post uffiċjali tal-qima lejn Alla.** |

14. F'madwar **70 kelma**, fisser għaliex aħna l-Insara nemmnu li l-Bibbja hija l-Kelma t'Alla.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ *(4 marki)*

**TAQSIMA C**

**FIL-BIDU** **(18-il marka)**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(3 marki)*

1. Fil-ktieb tal-Ġenesi nsibu (ir-rakkont tal-ħolqien, il-ħelsien tal-poplu Lhudi mill-Eġittu, l-Eżilju tal-poplu Lhudi).

2. Fir-rakkont tal-ħolqien, l-awtur ippreżenta lil Alla bħala (narratur, ħaddiem normali, kittieb).

3. L-ewwel kapitlu tal-Ġenesi hu miktub f'forma ta' (parabbola, innu, rumanz).

**Kompli s-sentenza.** *(2 marki)*

4. Wieħed mill-messaġġi reliġjużi li rridu nieħdu mill-ewwel kapitlu tal-Ġenesi hu ______

______________________________________________________________________

5. Kif ħareġ minn idejn Alla, il-ħolqien kien ________________________________

**Aqra s-silta u wieġeb.**



**"U s-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: 'Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien?' U l-mara wieġbet lis-serp: 'Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma l-frott li hemm f'nofs il-ġnien, Alla qalilna: 'La tiklux minnu u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu."**

6. F'madwar **40 kelma**, għid kif ikompli dan ir-rakkont li nsibu fit-tielet kapitlu tal-Ġenesi.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ *(3 marki)*

7. X'jirrapreżentaw (a) is-serp u (b) is-siġra tal-ħajja f'dan ir-rakkont?

   (a) is-serp - ____________________________________________ *(marka)*

   (b) is-siġra tal-ħajja - __________________________________ *(marka)*

8. X'insejħulu d-dnub tal-ewwel bnedmin?

   _______________________________________________________ *(marka)*

9. Semmi **t-tlett** firdiet li ġab il-bniedem wara li m'obdiex l-ordni ta' Alla.

   a. ___________________________________________________ *(marka)*

   b. ___________________________________________________ *(marka)*

   c. ___________________________________________________ *(marka)*

10. **Imla l-vojt f'din is-sentenza**: "Jiena nqajjem mibgħeda bejnek u bejn il-__________________, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek ___________________, int u tħebb għal għarqubu. *(Ġen 3, 15)* *(2 marki)*

11. X'inhu l-messaġġ reliġjuż li n-Nisrani jrid jieħu mit-tielet kapitlu tal-Ġenesi?

    _______________________________________________________

    _______________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA D**

**ALLA LI JSALVA** **(20 marka)**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(3 marki)*

1. Abraham kellu lil Iżakk, u Iżakk kellu lil (Ishmael, Ġakobb, Mosè).
2. L-isem (Abraham, Iżakk, Mosè) jfisser "salvajtu mill-ilma."
3. Alla sejjaħ lil Mosè fuq il-muntanja (Everest, Ħoreb, Makalu).

**Kompli s-sentenza.** *(3 marki)*

4. Alla talab lil Mosè biex ________________________________________

5. Il-ktieb tal-Eżodu hu miktub f'forma ta' ______________________________

6. Bħal Mosè, jien irrid ________________________________________

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.** *(3 marki)*

7. Kellhom ikunu l-________________ kastigi, l-aktar tal-mewt tal-iben il-kbir f'kull familja Eġizzjana, li ġiegħlet lill-Fargħun iċedi u jħalli lill-poplu Lhudi jitlaq mill-Eġittu.

8. Fi triqtu lejn l-Art Imwiegħda, l-poplu Lhudi kellu jaqsam minn Baħar il-________________.

9. Meta l-poplu kien qed jaqsam mid-deżert, bħala ikel Alla bagħatilhom ________________.

**Wieġeb fil-qosor.**

10. Liema hija t-tagħlima ewlenija li n-Nisrani għandu jislet mill-ġrajja tal-Eżodu?

________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*

11. Permezz ta' Mosè, Alla tana l-kmandamenti. Ikteb l-ewwel **tlieta**.

a. ________________________________________ *(marka)*

b. ________________________________________ *(marka)*

c. ________________________________________ *(marka)*

12. Wara li nħeles mill-Eġittu, Alla għamel Patt mal-Poplu Lhudi. Fiex kien jikkonsisti dan il-patt?

________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*

13. Mingħajr il-kmandamenti ta' Alla, in-Nisrani kien ikun iktar liberu? Spjega dan f'madwar **70 kelma.**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(4 marki)*

**TAQSIMA E** **(12-il marka)**

**Agħżel wieħed minn dawn it-titli u wieġeb f'madwar 200 kelma.**

1. Il-bniedem għadu sa' llum-il ġurnata jirrepeti l-iżball ta' Adam u Eva.
   (a) Uri dan permezz ta' **tlett** eżempji. *(6 marki)*
   (b) X'jiġrilu l-bniedem li jitbiegħed minn ma' Alla? *(3 marki)*
   (c) X'għandu jagħmel in-Nisrani biex jerġa jingħaqad mill-ġdid ma' Alla? *(3 marki)*

**JEW**

2. Alla fassal pjan ta' Salvazzjoni għall-bniedem. Dan kollu nsibuh fil-Bibbja.
   (a) Għaliex l-Insara għandhom jersqu lejn il-Bibbja b'rispett kbir? *(4 marki)*
   (b) Għaliex ngħidu li l-Bibbja hu ktieb bla żbalji? *(4 marki)*
   (c) X'siwi għandha l-Bibbja fil-ħajja ta' kuljum tan-Nisrani? *(4 marki)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**